MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 860/2010

**HSBC Bank Malta plc (C-3177)**

**-vs-**

**1. L-Avukat Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar bħala kuraturi deputati nominati sabiex jirrappreżentaw l-assenti Ahmed Hamdan u dana għal kull interess li jista' jkollhom; u**

**2. Hurria Adly**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fit-30 ta' Awissu 2010 li permezz tiegħu s-soċjeta' rikorrenti ppremettiet:

1. Illi fis-17 ta' Ġunju 2008 ġiet liberata a favur tar-rikorrenti l-fond urban numru erbgħa u ħamsin (54)

Triq l-Ibjar, il-Belt Valletta, u dana bil-prezz komplessiv ta' sitt efer u tlett mitt Euro (EUR 6,300) kif jirriżulta mill-anness dokument A;

2. Illi dina l-proprjeta' kienet tappartjeni lill-assenti Ahmed Hamdan u hija fil-preżent okkupata mill-intimata Hurria Adly u dana abbużivament u mingħajr ebda titolu validu fil-liġi *stante* illi hija allegat titolu ta' kirja li pero' qatt ma nġabet l-ebda prova dwarha;

3. Illi s-soċjeta' rikorrenti tixtieq tiżgombra lill-intimata mill-proprjeta' msemmija u għalkemm l-intimata ġiet interpellata sabiex tagħmel dan hija baqgħet inadempjenti;

4. Illi jeżistu l-elementi kontemplati fl-Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu tnax (12) tal-Liġijiet ta' Malta għall-eżenzjoni mis-smiegħ billi fil-fehma tas-soċjeta' rikorrenti, l-intimati m'għandhomx eċċezzjonijiet xi jġibu kontra dina t-talba ta' żgumbrament u dana kif jirriżulta wkoll mill-anness affidavit dokument B.

Għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti qedgħa tiġi mitluba sabiex, għar-raġunijiet premessi u bid-dispensa tas-smiegħ a tenur tal-Artikolu 167 sa 170 tal-Kapitolu tnax (12) tal-Liġijiet ta' Malta:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-intimata Hurria Adly qedgħa tokkupa u tiddetjeni l-fond numru 54 Triq l-Ibjar il-Belt Valletta, kif aħjar fuq deskritt, abbużivament u illegalment;

2. Tordna, għalhekk, l-iżgumbarament tal-istess intimata mill-istess imsemmi fond u dana fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat lilha minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa jibqgħu mħarrkin għas-subizzjoni u salv kull azzjoni oħra – inkluża dik għad-danni – spettanti lis-soċjeta' rikorrenti kontra l-intimati skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jippreżentaw risposta u għalhekk huma kontumaċji skond il-liġi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju 2011 li permezz tiegħu l-Qorti ddeferiet il-kawża għas-sentenza;

Ikkunsidrat.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l-konvenuti jiġu żgumbrati mill-fond in kwistjoni u dan *stante* li m'għandhom ebda titolu. Il-banka attriċi akkwistat l-istess fond permezz ta' subbasta u dan jirriżulta mill-atti tal-kawża. Kif ġia' ngħad il-konvenuti ma ppreżentawx risposta u qatt m'attendew għas-seduti.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tat-tieni talba tordna lill-konvenuti jiżgumbraw mill-proprjeta' in kwistjoni fi żmien xahrejn.**

**L-ispejjeż a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------